**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' April, 2018

Rikors Guramentat numru : 79/16 AL

A B
vs.
C D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku
u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2017 l-Avukat Dr Francina Abela u il-PL Marie Claire Bartolo gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri
L B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti kellha relazzjoni intima mal-konvenut C D, minn liema relazzjoni twieled il-minuri L B, u dan barra miz-zwieg;

Illi mill-Att tat-Twelid tal-minuri, senjatament l-Att numru 2655 tas-sena 2009 (anness u mmarkat bahal Dok NV1), jirrizulta illi

fil-kolonna intestata *"Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier"* gew registrati il-kliem *"unknown father"* , ossia *missier mhux maghruf*;

Illi ghalkemm l-esponenti interpellat lill-konvenut C D diversi drabi sabiex jersaq ghar-rikonoxximent tal-minuri L B bhala l-missier tal-istess minuri, fosthom anki permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 27/2016 (annessa u mmarkat Dok. NV2), huwa baqa inadempjenti;

Illi l-esponenti tirrileva illi ma jezisti l-ebda dubju li l-konvenut C D huwa l-missier bijologiku tal-minuri L B, u dan kif indikat mit-test tad-DNA datat it-2 ta' Novembru tas-sena 2009 (hawn anness u mmarkat Dok. NV3), fejn huwa stess akkonsentixxa illi jsir u hallas nofs l-spejjez tal-istess test, circa tlett xhur wara t-twelid tal-istess minuri;

Illi l-esponenti ghandha interess skond il-Ligi ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri;

Illi r-raguni tat-talba hi sabiex issir bidla fl-Att tat-Twelid ta' L B, u dan billi jigi indikat il-konvenut C D bhala l-missier bijologiku tal-minuri;

Illi dan in-nuqqas fl-Att tat-Twelid surriferit irrizulta biss minhabba l-inadempjenza tal-konvenut C D fil-konfront tal-minuri, u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet illu saru da parte tal-esponenti mat twelid tal-istess minuri, u ghalhekk m'ghandiex tinkorri l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Illi l-esponenti taf b'dan il-fatti personalment;

Talbet, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri L B huwa l-konvenut C D;

2. Tordna lill-konvenut, ossia id-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex fl-Atti tat-Twelid bin-numru 2655 tas-sena 2009, jigu kancellati l-kliem *“unknown father”* mill-kolonna intestata *“Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier”* b’dana illi jigu sostitwiti bil-kliem “*C D (Pieta, Malta)”;*

3. Tordna lill-konvenut, ossia id-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex fl-Att tat-Twelid bin-numru 2655 tas-sena 2009, jigu kancellati il-kliem *“L B”* mill-kolonna intestata *“Isem il-Wild”* b’dana illi jigu sostitwiti bil-kliem *“L D B”;*

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 16)

1. Illi preliminarjament huwa indispensabbli għall-integrita’ tal-ġudizzju li jiġi imsejjaħ fil-kawża l-minuri L B u li għandu jkun debitament rappreżentat minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;

3. Illi l-esponent jistqarr li għalkemm ir-rikorrenti ippreżentat r-rapport ta’ testijiet ġenetiċi li jindikaw li C D huwa il-missier naturali tal-minuri *Zvetic B* ai termini tal-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta,** dan l-imsemmi rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekniku Christopher Farrugia;

4. Illi bla ħsara għall-premess f’każ li tintlaqa’ l-ewwel talba ta’ l-attriċi l-esponenti jistieden lill-konvenut C D sabiex permezz ta’ nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu,

senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri L, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel L. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi L bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn sitt mija u ħamsa u ħamsin (2655) tas-sena elfejn u disgħa (2009);

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri L a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur deputat, li permezz taghha eccepew : (fol. 61)

Illi l-esponent m'hijiex edotta mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghda tirriserva d-dritt li tressaq dawk l-eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi f'kaz u jekk tigi edotta mill-fatti;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2017 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex jinħatru Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri L B, li huwa s-suġġett tal-kawża odjerna; Illi b'hekk ġiet sorvolata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, eċċezzjoni ta' natura preliminari;

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat[1], ippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu tardivament[2], u għalhekk il-Qorti ddikjarat illi huwa kontumaċi, u dana fl-ewwel udjenza ossia tal-4 t'Ottubru 2016[3].

Rat l-artikolu 86A, subinċiż (1) tal-Kodiċi Ċivili[4], illi jistipula li: *"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

Rat l-affidavit tal-**attriċi**[5] fejn hija tispjega li kienet iltaqgħet mal-konvenut C għall-ħabta ta' Ottubru jew Novembru 2008. Ħarġu flimkien ftit drabi u ma baqgħux jiffrekwentaw lil xulxin. Fil-frattemp, l-attriċi kienet skopriet illi kienet tqila. Ommha kienet ikkuntatjatu fejn informatu bit-tqala u li t-tarbija kienet tiegħu. Huwa kien innega li t-tarbija kienet tiegħu u ma baqax ikellimhom. Il-konvenut qatt m'akkumpanjaha fil-viżti għand it-tabib matul it-tqala. Kienet omm il-konvenut D illi suġġeriet li jsir it-test tad-DNA u baqgħu miftehmin illi meta titwieled it-tarbija kienu ser jagħmlu t-test.

Meta twieled it-tifel f'Awwissu, omm l-attriċi ħeġġitha biex iċċempel lill-konvenut. Hu kien mar jara lit-tarbija u kien ferħan.

---

[1] Fl-14 ta' Ġunju 2016, riferta fol. 13
[2] Fl-20 ta' Settembru 2016, fol. 25
[3] Fol. 29 tal-proċess.
[4] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[5] Fol. 21 tal-proċess

*"F'dak il-mument donnu beda jaċċetta t-twelid ta' ibnu u anki ikkomwova ruħu fil-konfront tat-tarbija. Xorta waħda ma riedx jirreġistrah f'ismu, għaliex xorta waħda baqa' jgħid li t-tarbija mhijiex tiegħu."* Tliet xhur wara li twieled it-tifel, huma marru għand Chritopher Farrugia fil-klinika tiegħu fir-Rabat biex sar it-test ġenetiku li kkonferma li t-tarbija kienet il-wild tal-konvenut D. Meta sar magħruf ir-riżultat tad-DNA, il-konvenut beda b'mod irregolari, jieħu lit-tifel id-dar tal-ġenituri tiegħu.

Rat l-affidavit ta' **Doreen B**, omm l-attriċi[6], kif ukoll ta' **Tony B**, missierha[7], illi permezz tagħhom huma kkorraboraw il-verżjoni tal-attriċi.

Rat ir-**rapport tad-DNA**[8] liema testijiet saru f'laboratorju fil-Kanada, wara li nbagħtu l-kampjuni minn Dr. Christopher Farrugia, liema kampjuni ġew minnu elevati hawn Malta minn fuq il-persuni tal-minuri u tal-konvenut D. Semgħet lil Dr. Farrugia jixhed[9] partikolarment rigward il-klawżola fl-istess riżultat illi tgħid *"The collection of specimens for the performance of the DNA testing and analysis that forms the basis for this report was not in compliance with MWI's established sample collection guidelines. Thus, the results of this report cannot be considered a legally admissible DNA test for use in a court of law. The tested parties explicitly understand that the results from this test is only for personal knowledge."* Ix-xhud spjega illi l-istess klawżola tiddaħħal fir-riżultat tat-test in vista li xi drabi fit-test ma jkunx inżamm il-protokoll dwar it-teħid tal-kampjuni, bħal per eżempju jittieħed il-kampjun mingħajr il-kunsens tal-omm. Ix-xhud spjega illi minkejja n-nuqqas t'adeżjoni mal-protokoll, ir-riżultat tal-istess testijiet huma affidabbli u korretti. Illi għab-bażi ta' din ix-xiehda, il-Qorti akkordat[10] it-talba konġunta tal-partjiet illi r-riżultati tad-DNA jiġu meqjusa bħala legalment ammissibbli fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Effettivament l-istess testijiet jikkonfermaw illi l-konvenut C D huwa l-missier bijoloġiku u naturali tal-minuri L B.

---

[6] Fol. 23

[7] Fol. 24

[8] Fol. 8

[9] Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2017, fol. 33

[10] Digriet tal-15 ta' Ġunju 2017

Rat illi d-dettalji tal-konvenut C D kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma s-segwenti[11]:

1) Isem u kunjom: C D
2) Id-dokument tal-identita`: 591885(M)
3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri: 24 sena
4) Il-post tat-twelid ta' C D: Pieta`
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: Żebbuġ, Malta
6) Isem u kunjom missieru: Raymond D
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Ħaj

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2018 kif ukoll in-nota tagħha tad-9 ta' Novembru 2017, fejn l-attriċi ddikjarat illi l-kunjom li għandu jassumi l-minuri għandu jkun ta' "D B".

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odejrna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attriċi titlob illi l-konvenut C D jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri L imwieled lilha fit-3 t'Awwissu 2009.[12] Sal-lum, dan il-minuri huwa ddikjarat bħala iben missier mhux magħruf u jġorr il-kunjom tal-omm, ossia B.

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut D, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri L.

---

[11] Dawna jirriżultaw min-nota esebita fol. 68

[12] Id-data tat-twelid tirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid relattiv, fol. 5

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi, illi effettivament il-minuri L B huwa l-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D.

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li L B huwa l-wild naturali tal-intimat C D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru billi:-

1. Tiddikjara illi l-intimat C D huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri L B, imwieled lill-attriċi A B fit-3 t'Awwissu 2009;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri L, innumerat elfejn sitt mija u ħamsa u ħamsin tas-sena elfejn u disgħa (2655/2009), fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-intimat C D, detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 591885(M), li meta twieled il-minuri kellu erbgħa u għoxrin (24) sena, imwieled fil-Pieta` u residenti Ħaż-Żebbuġ u huwa iben Raymond D li kien ħaj fil-mument tat-twelid tal-minuri.

3. Tordna, ai termini tal-Artikolu 92(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi l-minuri L ikun magħruf bil-kunjom D B; u għaldaqstant id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed jiġi ordnat iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż, ikunu sopportati b'mod ugwali mill-attriċi A B u l-konvenut C D.